# Il-Kor Imperial fil-Kappella tal-Preżentazzjoni tal-Madonna fil-Belt Valletta

Nhar il-Ġimgħa 24 ta' Novembru 2006 il-Kor Imperial ġie mistieden mill-Badessa tal-Monasteru ta' Santa Katerina, Swor Mikelina Mifsud biex ikanta waqt il-Quddiesa fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Katerina, patruna ta' dan il-Monasteru. Il-Prim konċelebrant kien l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex flimkien ma' saċerdoti u reliġjużi oħra fosthom il-Provinċjal tal-Komunità Agostinjana f'Malta Patri Luċjan Borg O.S.A. Wara l-quddiesa l-membri tal-kumitat u kif ukoll il-membri tal-Kor kellna l-opportunità li niltaqgħu ma' l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Grech. Bħala tifkira ta' din l-okkażjoni l-President ta' l-Għaqda Mużikali Imperial is-Sur Joseph Bartolo ppreżenta kwadru tal-Madonna tal-Mellieħa lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech. Il-President ippreżenta wkoll kwadru ieħor tal-Madonna tal-Mellieħa lis-Swor Michelina Mifsud biex jinżamm fl-istess monasteru.

Il-Ħadd 29 t'April 2007 mhux biss kien iċċelebrat Jum il-Vokazzjonijiet mill-Knisja Kattolika iżda kien jum memorabbli għal Swor Maria Assunta Soru tal-Klawsura, li f'dan il-jum iċċelebrat il-ħamsin sena minn meta daħlet Soru tal-Klawsura fil-Monasteru ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta. Fuq stedina ta' Swor Maria Assunta, il-Kor Imperial ġie mistieden biex ikanta waqt il-quddiesa ta' Radd il-Ħajr li saret fil-Kappella ta' l-istess Monasteru. Il-Quddiesa tqaddset mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Pawl Cremona, Arċisqof ta' Malta flimkien ma' numru ta' konċelebranti. Wara l-quddiesa Mons. Arċisqof Cremona ġie ppreżentat rigal ta' tifkira mill-President ta' l-Għaqda Mużikali Imperial, Joseph Bartolo u wara ltaqa' wkoll mal-membri tal-Kor Imperial.



## Il-Monsateru ta' Santa Katerina

Il-Monasteru ta' Santa Katerina jinsab fi Triq ir-Repubblika, 'l isfel mill-Palazz Presidenzjali. Dan il-Monasteru jaf il-bidu tiegħu għal legat li ħallew il-Markiżi Giovanni u Katerina Vasco nhar il-5 t'Ottubru 1580, permezz tal-Bolla Appostolika mill-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore f'Ruma u bil-konferma tal-Gran Mastru Jean Levasque de La Cassiere. Il-Markiż Giovanni Vasco kien Portugiż u l-Markiża għalkemm kienet twieldet Malta kellha dixxendenza mill-familja Olivieri li kienet ġiet Malta mal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann meta dawn tkeċċew minn Rodi. Ħu l-Markiża, Dun Mikiel, kien jokkupa numru ta' karigi importanti fi ħdan l-Ordni tal-Kavallieri u dan ġiegħel lil oħtu Katerina biex tħalli d-dar tagħha *Casa Vanilla* lill-Knisja.

Sadanittant fl-1575 xi xebbiet twajba msejħa '*Orfanelle delle Misericordia'* kienu jieħdu ħsieb xi tfajliet żgħar biex ibegħduhom mill-perikli. Wara xi żmien fi Triq Żakkarija, dawn ix-xebbiet ingħataw il-palazz tal-Markiż Vasco. Fl-1606 dawn

ix-xebbiet ġiethom il-vokazzjoni tal-Klawsura u l-Knisja aċċettat li dawn jgħixu ħajja kontemplattiva. Meta raw hekk il-Markiżi bnewlhom kappella, iżda din mhux dik li naraw illum. Fit-testment li għamlu nhar is-27 ta' Jannar 1611, il-Markiżi ħallew lis-sorijiet bħala l-werrieta universali tagħhom, minħabba li l-uniku iben tagħhom kien diġà miet. Maż-żmien is-sorijiet bdew jissejħu Katerini, b'rispett lejn Caterina Vasco. Dawn is-sorijiet bdew jaħsbu biex *Casa Vanilla* jagħmluha f'għamla ta' Monasteru. Għalhekk huma xtraw xi djar li kienu jmissu magħhom fi Triq San Kristofru u fi Triq id-Dejqa. Fl-1714 beda l-bini ta' dan il-Monasteru fuq pjanta tal-magħruf arkitett ta' l-Ordni Romano Carapechia minn Firenze. Ix-xogħol tal-bini kien f'idejn Anton Cachia. Inqalgħu xi ntopppi, l-aktar minħabba n-nuqqas ta' flus u xogħol kellu jieqaf. Ix-xogħol tkompla fl-1765 taħt is-superviżjoni ta' l-istess Cachia li fil-frattemp kien laħaq perit. Il-Kappella tal-Monasteru tbierket mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Bartolomeo Rull fis-6 ta' Novembru 1766.



Fl-1851 wara ħafna talb u pariri u wara li soru minnhom kellha viżjoni li fiha rat lill-Madonna tnewlilha Ċintura, is-sorijiet li sa dakinhar kienu għadhom bla regola u li kienu msejħa *Suore Catarine*, iddeċidew li jħaddnu r-Regola Agostinjana.

Illum fil-Monasteru ta' Santa Katerina nsibu tlettax-il soru, fosthom Swor Antonietta Borg - Soru Melleħija li erbgħin sena ilu ngħaqdet ma' din il-Komunità biex tgħix ħajja kontemplattiva fuq ir-Regola ta' Santu Wistin.

CLD
Caruana Light Decorations

Silhouette
PHOTO STUDIO
TEL: 21 520016

Il-Management u l-iStaff jawguraw il-Festa t-Tajba